MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 292/2010

**Melanie Azzopardi**

***Versus***

**Jeffrey Mallia, Carmel *sive* Charles Mallia, Laurie Mallia, Glenn Mallia u Jacqueline Ahmed**

1. Din il-kawża hija dwar wegħda ta' bejgħ-u-xiri.
2. L-attriċi fissret illi b'kitba tat-3 ta' Diċembru 2009 il-konvenuti ntrabtu li jbigħulha, u hi ntrabtet li tixtri mingħandhom, il-fond numru 140A fi Sqaq numru tlieta, Triq il-Biċċieni, b'daħla oħra min-numru 38, Triq id-Dukkar, Ħaż Żabbar, bl-arja u s-sottoswol tiegħu, bil-pattijiet stipulati fl-istess konvenju u bil-prezz ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u ħamsa u tletin euro (€58,235), li minnhom l-attriċi ħallset akkont ħamest elef, tmien mija u erbgħa u għoxrin euro (€5,824).
3. Il-konvenju ġie reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif trid il-liġi, u l-bejgħ kellu jsir sa tliet xhur mit-3 ta' Diċembru 2009.

4. Il-konvenuti kienu msejħa b'ittra ġudizzjarja tat-2 ta' Marzu 2010 biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt iżda, minkejja dan, ma dehrux u l-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

i. tgħid lill-konvenuti huma marbuta bil-konvenju tat-3 ta' Diċembru 2009 biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att biex ibigħu lill-attriċi l-fond numru 140A fi Sqaq numru tlieta, Triq il-Biċċieni, b'daħla oħra min-numru 38, Triq id-Dukkar, Ħaż Żabbar, bl-arja u s-sottoswol tiegħu, bil-pattijiet u bil-prezz stipulati fl-istess konvenju;

ii. tikkundanna lill-konvenuti jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att imsemmi fl-ewwel talba;

iii. tiffissa lok, jum u ħin għall-pubblikazzjoni tal-att;

iv. taħtar nutar sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ-u-xiri; u

v. taħtar kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att.

5. Talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra ġudizzjarja tat-2 ta' Marzu 2010.

6. Il-konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma weġbux għat-talbiet tal-attriċi u ma dehrux għas-smigħ, u lanqas ma għamlu sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm ingħatatilhom fakoltà kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

7. Ix-xiehda turi illi tassew illi bis-saħħa ta' kitba tat-3 ta' Diċembru 2009 il-konvenuti ntrabtu li jbigħu lill-attriċi l-proprjetà msemmija fir-rikors maħluf bil-prezz u bil-pattijiet stipulati fl-istess ftehim. L-attriċi sejħitilhom, b'att ġudizzjarju magħmul fiż-żmien li tagħti l-liġi, biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ-u-xiri, iżda l-konvenuti baqgħu ma resqux għall-pubblikazzjoni tal-att u ma wrew ebda raġuni li tiswa fil-liġi għal dan in-nuqqas. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum, li wkoll saret fiż-żmien li trid il-liġi.

8. Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tal-attriċi għandhom jintlaqgħu.

9. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jersqu għall-formazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-att biex ibigħu lill-attriċi l-proprjetà msemmija fil-konvenju tat-3 ta' Diċembru 2009 bil-prezz u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma fl-istess konvenju:

taħtar lin-Nutar Edward Flores sabiex jirċievi u jippubblika l-att relativ fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta, nhar it-Tlieta 12 ta’ Lulju 2011 fl-10.00 *a.m.* u taħtar ukoll lill-Avukat Frederick Ellul sabiex jidher f’isem min jonqos illi jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att.

10. L-ispejjeż tal-att u d-drittijiet fiskali għandhom jitħallsu skond il-liġi; l-ispejjeż tal-kawża u d-drittijiet tal-kuratur iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------